# QORTI TAL-APPELL

**IMHALLFIN**

**S.T.O. PRIM IMHALLEF JOSEPH AZZOPARDI**
**ONOR. IMHALLEF JOSEPH R. MICALLEF**
**ONOR. IMHALLEF TONIO MALLIA**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 14 ta' Dicembru, 2018**

**Numru 2**

**Appell numru 719/06 SM**

Raymond **BARTOLO** u martu Catherine Bartolo f'isimhom proprju u l-istess Raymond Bartolo bħala direttur għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali Umbrella Company Limited (C – 36326)

v.

Frank **CACHIA** f'ismu proprju u għan-nom u in rappreżentanza tas-soċjetà kummerċjali A.G. Ventures Limited (C – 17492)

## Il-Qorti:

1. Dan huwa appell imressaq mill-intimat Frank Cachia, fil-kwalità tiegħu fuq imsemmija, minn sentenza mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-6 ta' Novembru, 2013, li biha u għar-raġunijiet hemm

imsemmija, ċaħdet l-eċċezzjonijiet imqajma mill-istess intimat *proprio* u *nomine* u għaddiet biex tilqa' t-talbiet attriċi;

2. Bis-saħħa ta' dik is-sentenza, l-ewwel Qorti qatgħetha li:

> *"in vista tal-premess, filwaqt li tiddikjara li hi sodisfatta li r-rikorrentiipprovaw il-każ tagħhom skont il-liġi, tirrespinġi r-risposti tal-intimati u allura takkolji l-istess talbiet tar-rikorrenti u konsegwentement:*
>
> *"11.1. Tiddikjara li l-intimati fuq riferiti għandhom jirrifondu lir-rikorrenti l-ħlasijiet minnhom effettwati lill-intimati;*
>
> *"11.2. Tillikwida s-somma hekk dovuta kif indikat fil-paragrafu preċedenti mill-intimati lir-rikorrenti fl-ammont ta' ħamsa u sebgħin elf, erba' mija u sebgħa u sittin Ewro u sitta u sittin ċenteżmu, (€75,467.66);*
>
> *"11.3. Tikkundanna lill-intimati in solidum biex iħallsu lir-rikorrenti s-somma hekk likwidata fil-paragrafu preċedenti;*
>
> *"11.4. Tiddikjara wkoll li l-intimati huma responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti riżultat tal-fatt li l-"bar" de quo ma nfetaħx minħabba l-aġir tal-intimati;*
>
> *"11.5. Tillikwida s-somma hekk dovuta lir-rikorrenti mill-intimati in solidum fl-ammont ta' tnejn u sittin elf, sitt mija u tmien Ewro u sitta u tletin ċenteżmu, (€62,608.36);*
>
> *"11.6. Tikkundanna lill-istess intimati biex in solidum iħallsu l-ammont hekk likwidat lill-istess rikorrenti;*
>
> *"11.7. Bl-ispejjeż kif dedotti fir-rikors ġuramentat promotur u bl-imgħaxijiet skont il-liġi mis-26 ta' Mejju, 2006, sad-data tal-effettiv pagament kontra l-istess intimati fuq indikati.*";

3. Dik il-Qorti waslet għad-deċiżjoni tagħha billi ikkunsidrat li:

> "*1.1 Illi r-rikorrenti Raymond u Catherine Bartolo intendew jiftħu stabbiliment kummerċjali fi Triq il-Mazzola, Buġibba, liema stabbiliment kellu jiġi operat mis-soċjetà Umbrella Company Limited kostitwita appożitament għal dan l-iskop;*

*"1.2 Illi għalhekk ir-rikorrenti indikati fil-paragrafu preċedenti krew il-fond Sounds fl-imsemmija Triq il-Mazzola, Bugibba, mingħand Paul u Josephine konjuġi Zammit, flimkien m'appartament adjaċenti, Flat 1, Mayfair Flats, fl-istess triq, li kellu jservi ta' store;*

*"1.3 Illi ż-żewġ kirjiet fuq indikati saru permezz ta' żewġ (2) skritturi privati rispettivament datati l-11 ta' Jannar u l-5 t'Awwissu, it-tnejn tal-2005, (ara fol 6 u 10);*

*"1.4 Illi r-rikorrenti ħallsu wkoll l-permessi u liċenzji relattivi fuq il-ħanut de quo;*

*"1.5 Illi di piu`, ir-rikorrenti inkorrew spejjeż inġenti biex jirristrutturaw u jabbellixxu l-imsemmi ħanut, liema xogħlijiet ġew fdati f'idejn Island Turnkey Company Limited;*

*"1.6 Illi l-ħlas għall-istess xogħlijiet strutturali u t'abbellimenti ammonta għal wieħed u għoxrin elf, mitejn u sitta u tmenin Lira Maltin, (LM21,286.00), li tħallsu mir-rikorrenti lill-istess soċjetà appaltatriċi;*

*"1.7 Illi r-rikorrenti ingaġġaw lill-intimat biex jipprokura l-mobbli, oġġetti u servizzi neċessarji biex il-ħanut jew "bar" ikun jista' jinfetaħ għall-pubbliku;*

*"1.8 Illi għal dan il-għan, maż-żmien ir-rikorrenti ħallsu lill-intimat l-ammont ta' tlieta u tletin elf, tmien mija u tnejn u erbgħin Lira Maltin, (LM33,842.00), f'diversi pagamenti;*

*"1.9 Illi l-intimat pero` ma eżegwiex l-inkarigu tiegħu in bona fede stante li r-rikorrenti ma ġewx suppliti b'dak pattwit u li għalih kienu ħallsu;*

*"1.10 Illi għalhekk l-intimat hu obbligat li jrodd lura l-imsemmija flus lilu mogħtija;*

*"1.11 Illi konsegwenza tal-inadempjenza tal-intimat, il-"bar" baqa' ma nfetaħx u b'hekk ir-rikorrenti sofrew danni oħra inġenti fosthom:*
*"1.11.1. Ħlasijiet ta' liċenzji u permessi;*
*"1.11.2. Ħlasijiet ta' kirjiet;*
*"1.11.3. Ħlasijiet ta' xogħlijiet strutturali u t'abbellimenti;*

*"1.12. Illi nonostante li l-intimat ġie debitament interpellat b'ittra uffiċċjali datata s-26 ta' Mejju, 2006, hu xorta baqa' inadempjenti;*

*"1.13. Illi għalhekk ir-rikorrenti kienu kostretti jaderixxu din il-qorti biex l-intimat ikollu opportunità iwieġeb għas-segwenti talbiet lil din il-qorti li prevja kull dikjarazzjoni oħra:*

*“1.13.1. Tiddikjara li l-intimat jew min minnhom jirrifondu lir-rikorrenti l-ħlasijiet lilu effettwati kif hemm deskritt;*
*“1.13.2. Tillikwida s-somma dovuta mill-intimati lir-rikorrenti;*
*“1.13.3. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex iħallsu s-somma hekk likwidata lir-rikorrenti;*
*“1.13.4. Tiddikjara li l-intimati jew min minnhom huma responsabbli għad-danni sofferti mir-rikorrenti riżultat tal-fatt li l-“bar” de quo ma nfetaħx minħabba fl-aġir tal-istess intimati;*
*“1.13.5. Tillikwida s-somma li l-intimati għandhom iħallsu lir-rikorrenti għal dan id-danni, okkorrendo bl-opra ta’ periti nominandi;*
*“1.13.6. Tikkundanna lill-intimati jew min minnhom biex iħallsu s-somma hekk likwidata lir-rikorrenti;*
*“1.13.7. Bl-ispejjeż kif dedotti fl-istess rikors ġuramentat promotur kontra l-intimati;*

*“2.0. Rat ir-risposta ġuramentata datata s-26 ta’ Jannar, 2007, li permezz tagħha l-intimati wieġbu sintetikament is-segwenti:*

*“2.1. Illi preliminarjament, l-ewwel tlett (3) talbiet huma insostenibbli stante li mhux ċar jekk it-talba hijiex għall-likwidazzjoni jew rifużjoni, u jekk hi ta’ rifusjoni, kemm hu l-ammont mitlub;*

*“2.2. Illi peress li l-intimat Frank Cachia qatt ma nnegozja personalment mar-rikorrenti, għandu jiġi liberat mill-osservanza tal-ġudizzju;*

*“2.3. Illi t-talba għal rifusjoni ta’ flus imħallsa hi infondata u għandha tiġi respinta bl-ispejjeż;*

*“2.4. Illi t-talba li l-intimat ikkawża danni lir-rikorrenti hi wkoll infondata peress li x-xogħol ordnat mir-rikorrenti tlesta u l-istabbiliment kien fi stat li jiftaħ għax-xogħol;*

*“2.5. Illi l-ammont allegatament imħallas lill-intimat mir-rikorrenti hu eżagerat;*

*“2.6. Salv eċċezzjonijiet oħra;*

*“3. Rat id-digriet ta’ din il-qorti diversament preseduta datat it-8 ta’ Marzu, 2007, li permezz tiegħu innominat il-perit legali hemm indikata, (ara fol 46 u 47);*

*“4. Rat ir-relazzjoni peritali datata l-20 ta’ Frar, 2012, (ara fol 514), flimkien mar-risposti in eskussjoni tal-istess perit legali datati t-28 ta’ Novembru, 2012, (ara fol 547), u dawk datati t-30 t’Ottubru, 2012, (ara fol 552);*

*“5. Rat l-ordni t’assenjazzjoni datat l-10 ta’ Jannar, 2013, li permezz tiegħu din il-proċedura ġiet assenjata lil din il-qorti kif issa preseduta, (ara fol 559);*

*“6. Eżaminat id-dokumenti kollha esebiti;*

*“7. Rat ix-xhieda kollha mismugħa fl-atti;*

*“8. Semgħet it-trattazzjoni orali tal-abbli rappreżentanti legali tal-partijiet;*

*“Ikkunsidrat:*

*“9.0. Illi fir-relazzjoni tagħha l-perit legali nominata irrelatat sintetikament is-segwenti:*
*“9.1. Illi r-rikorrenti kellhom il-ħsieb jiġġestixxu “bar” f’Buġibba fl-indirizz fuq indikat bl-isem ta’ “Sounds”, (ara paragrafi numru wieħed punt wieħed (1.1) u wieħed punt tnejn, (1.2), aktar qabel;*
*“9.2. Illi għalhekk krew iż-żewġ fondi kif indikat ukoll preċedentement, (ara paragrafu wieħed punt tlieta, (1.3) aktar qabel);*
*“9.3. Illi jirriżulta li r-rikorrenti ħallsu wkoll il-permessi u liċenzji relattivi;*
*“9.4. Illi l-ħanut inkera għall-prezz ta’ tlett elef Lira Maltin, (LM3,000.00), (ara fol 6), oltre l-kera ta’ għaxar Liri Maltin, (LM10.00), kuljum għall-ewwel sentejn, li tiżdied b’Lira Maltija, (LM1.00), kuljum fit-tielet (3) sena u terġa’ tiżdied b’Lira Maltija kuljum (LM1.00), fir-raba’ sena, (ara fol 7);*
*“9.5. Illi r-rikorrenti sussegwentement ħallew f’idejn in-neputi tagħhom Simon Coleiro biex iqabbad in-nies hu;*
*“9.6. Illi l-imsemmi Coleiro qabbad lil Island Turnkey Projects biex ilesti l-“bar” u l-appartament ta’ miegħu, (ara paragrafu numru wieħed punt tnejn, (1.2), aktar qabel;*
*“9.7. Illi sussegwentement l-istess Coleiro inkariga lill-intimat biex jiddisinja in-night club, jalloka l-“bar” u jipprovdi l-affarijiet l-oħra kollha anċillari kif indikat fir-relazzjoni peritali de quo, (ara fol 536);*
*“9.8. Illi r-rikorrenti anke rreġistraw kumpanija bl-isem ta’ Umbrella Company Limited bil-għan li jiġġestixxu l-istabbiliment de quo;*
*“9.9. Illi r-rikorrenti ħallsu diversi fornimenti perjodikament;*
*“9.10. Illi tenut kont tas-suespost il-perit legali in diżamina irrilevat is-segwenti:*
*“9.10.1. Illi r-relazzjoni kontrattwali li żviluppat bejn il-kontendenti hi obbligazzjoni di fare;*
*“9.10.2. Illi hawn l-intimat kien obbligat jespleta l-inkarigu lilu mogħti b’diliġenza u li l-piż biex jipprova li hu effettivament għamel dan kien jinkombi fuqu;*
*“9.10.3. Illi kif ritenut fil-każ riprodott a* ***Vol. XXVII. I. 373****:*

> *““L-imprenditore ha l’obbligo di eseguire bene l’opera comessagli secondo i dettami dell’arte sua e deve prestare almeno una capacità ordinaria”;*

*“9.10.4. Illi di piu`, għalkemm imprenditur hu tenut jiġġestixxi l-kuntratt kif jidhirlu, pero` xorta għandu jeżegwieh;*

> *““bene e a redola d’arte e secondo i patti stabbiliti”*

> *“U fejn m’hemmx dawn il-patti espressi, l-esekuzzjoni għandha ssir skont l-intenzjoni tal-partijiet, (**Schembri vs Caruana, Prim’Awla tal-Qorti Ċivili, datata d-9 t’Ottubru, 2003**);*

*“9.10.5. Illi rigward id-danni globali sofferti mir-rikorrenti għall-ħsarat minnhom sofferti u kif rikjamati minnhom fir-rikors promotur, l-istess perit legali wasslet għall-konklużjoni li għar-raġunijiet minnha espressi fir-relazzjoni tagħha, l-ammont globali minnhom soffert jammonta għal mija u tmienja u tletin elf, u erbgħa u sebgħin Ewro u wieħed u disgħin ċenteżmu, (€138,074.91);*

*“Ikkonsidrat:*

*“10. Illi din il-qorti, anke tenut kont tad-domandi in eskussjoni fuq riferiti, (ara paragrafu numru erbgħa (4) aktar qabel), m’għandhiex raġunijiet għaliex m’għandhiex tagħmel tagħha l-istess konklużjonijiet peritali hemm riferiti, (ara fol 543)*;

4. L-intimat *proprio* u *nomine* appella minn dik is-sentenza b’Rikors tal-Appell imressaq fis-26 ta’ Novembru, 2013, u li bis-saħħa tiegħu u għar-raġunijiet hemm imfissra, talab li din il-Qorti jogħġobha (a) issib ma tiswiex is-sentenza appellata billi ngħatat mill-ewwel Qorti bla ma tat l-ebda raġuni motivata għaliex kienet qiegħda tilqa’ għal kollox il-fehmiet tar-rapport peritali, u b’hekk tħassarha u terġa’ tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-ewwel Qorti biex tqisha mill-ġdid; (b) jew, f’każ li ma ssibx li għandha tilqa’ l-ewwel aggravju tiegħu, din il-Qorti ssib li l-intimat Frank Cachia f’ismu proprju ma kien imdaħħal qatt f’negozju mal-atturi appellati u b’hekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju; (ċ) li, f’każ li ma

jintlaqgħux l-ewwel żewġ aggravji tiegħu, li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi l-appellanti ma kinux responsabbli jirrifondu l-ebda somma lill-atturi appellati ladarba l-fornituri mitluba mill-appellanti saru u x-xogħlijiet imqabbdin minnhom saru wkoll kif mitlub; (d) li, f'każ li ma jintlaqgħux l-ewwel żewġ aggravji tiegħu, li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi l-appellati ma ġarrbux danni minħabba fih bin-nuqqas ta' ftuħ tal-ħanut; (e) li, f'każ li ma jintlaqgħux l-ewwel żewġ aggravji tiegħu, li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata billi l-appellant ma kellu jħallas l-ebda danni lill-atturi appellati; u (f) billi tibdel is-sentenza appellata fejn ikkundannatu jħallas l-ispejjeż tal-kawża u wkoll fejn rabtitu jħallas l-imgħaxijiet fuq is-somom likwidati, billi jekk hemm xi mgħax x'jitħallas, dan kellu jibda għaddej biss mid-data tas-sentenza appellata;

5. B'Risposta tal-Appell imressqa minnhom fis-27 ta' Jannar, 2014, l-atturi appellati warrbu l-aggravji kollha tal-appellanti u, għar-raġunijiet li jsemmu fih, qalu li l-appell ma jmissux jintlaqa' u li s-sentenza appellata hija tajba u jmissha tkun konfermata bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-istess appellanti;

6. Semgħet it-trattazzjoni tal-avukati tal-partijiet;

7. Rat l-atti kollha tal-kawża;

8. Rat id-degriet tagħha tat-2 ta' Ottubru, 2018, li bih ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza;

***Ikkunsidrat:***

9. Illi l-azzjoni mibdija mill-atturi appellati kienet tirrigwarda proġett li kellhom biex jiftħu stabbiliment kummerċjali ('*bar*' jew '*internet café*') f'Buġibba. B'dan il-ħsieb, f'Jannar tal-2005[1] huma krew post li kien jintuża bħala stabbiliment kummerċjali liċenzjat u kif ukoll appartament żgħir ta' ħdejh bil-ħsieb li jintuża bħala '*store*' għall-istabbiliment[2]. Minbarra dan, f'Mejju ta' dik is-sena, huma fetħu kumpannija – il-kumpannija attriċi appellata Umbrella Co Limited[3] – biex tkun tista' tmexxi l-istabbiliment ladarba jinfetaħ. Wara li qabbdu kumpannija biex tagħmel xogħlijiet ta' titjib fl-istabbiliment, l-atturi appellati qabbdu lill-intimat appellanti biex jieħu ħsieb jara li jinxtraw l-għamara, t-tagħmir u jinkisbu s-servizzi meħtieġa ħalli l-post ikun jista' jinfetaħ bħala '*bar*' jew '*internet café*'. Il-proġett baqa' ma seħħx u l-ħanut baqa' ma nfetaħx u f'Novembru ta' dik is-sena l-atturi taw iċ-ċwievet tal-post lura lil sidu bil-post battal[4]. L-atturi appellati jgħidu li dan ġara għax l-intimat appellant naqas milli jwettaq dak li ntrabat magħhom li jagħmel. Għalhekk, fetħu l-kawża biex il-Qorti ssib li l-intimat naqas milli jwettaq dak li qabbduh jagħmel u biex tordnalu jroddilhom lura l-ħlasijiet li tawh biex jikseb it-

[1] Dok "A", f'paġġ. 6 – 9 tal-proċess
[2] Dok "B", f'paġġ. 10 – 2 tal-proċess
[3] Dok "ICI", f'paġġ. 268 sa 278 tal-proċess
[4] Xhieda ta' Paul Żammit, f'paġ. 193 tal-proċess

tagħmir u wkoll biex jagħmel tajjeb għad-danni li jgħidu li ġarrbu minħabba li l-proġett ma seħħx;

10. Għal dik l-azzjoni, l-intimati appellanti laqgħu billi, b'mod preliminari, qalu li l-ewwel tliet talbiet kienu insostenibbli għaliex mhux ċari jekk l-atturi kinux qegħdin jitolbu likwidazzjoni jew rifużjoni. Laqgħu wkoll billi qalu li l-intimat personalment ma kien indaħal fl-ebda negozju mal-atturi u kellu jinħeles milli jibqa' aktar fil-kawża. Dwar it-talba għar-radd lura tal-flus imħallsa, l-intimati laqgħu billi qalu li kull ħaġa li l-atturi ordnaw kienet konsenjata u kulma ntalbu jagħmlu wettquh. Ċaħdu li kellhom jagħmlu tajjeb għal xi danni li l-atturi qalu li ġarrbu, billi meta huma lestew ix-xogħol li l-atturi qabbduhom jagħmlu, l-istabbiliment seta' jiftaħ għax-xogħol u li, f'kull każ, in-nefqa li l-atturi jgħidu li kellhom jagħmlu biex itejbu l-post hija waħda eżaġerata;

11. Bis-sentenza appellata, l-ewwel Qorti sabet li t-talbiet kollha tal-atturi appellati kienu mistħoqqa u li l-ebda waħda mill-eċċezzjonijiet tal-intimati ma kienet tajba. Għalhekk, ordnat ir-rifużjoni tan-nefqiet li l-atturi appellati kienu ħallsu lill-intimati, illikwidat id-danni li l-appellati wrew li ġarrbu minħabba n-nuqqas ta' twettiq min-naħa tal-appellanti, u ordnat lill-appellanti solidalment iħallsu l-ammonti msemmija kemm bħala rifużjoni tas-somom maħruġa u kemm bħala danni likwidati. Ordnat ukoll li l-appellanti jħallsu l-ispejjeż tal-kawża u kif ukoll l-imgħaxijet legali fuq is-somom imsemmija, u dan b'seħħ mis-26 ta'

Mejju, 2006 (li, skond ir-rikors promotur, hija d-data ta' ittra uffiċjali li l-atturi appellati bagħtu lill-intimati appellanti xahrejn u nofs qabel fetħu l-kawża);

12. L-appellanti jressqu sitt (6) aggravji mis-sentenza appellata. Il-Qorti tirrileva li fit-Taqsima "Aggravji" tar-Rikors tal-Appell[5], l-appellant jgħid li jħossu aggravat bis-sentenza mogħtija fl-10 ta' Ġunju, 2013. Dan bilfors huwa xi żball tal-kitba, għaliex ma ngħatat l-ebda sentenza f'din il-kawża fid-data msemmija, imma waħda biss fis-6 ta' Novembru, 2013. Fit-talbiet magħmula fir-Rikors tal-Appell[6], id-data tas-sentenza appellata hija msemmija kif kellha tkun;

13. L-ewwel aggravju hu li l-ewwel Qorti naqset li timmotiva r-raġunijiet li wassluha biex tilqa' t-talbiet attriċi u tiċħad l-eċċezzjonijiet, u qagħdet biss fuq il-verżjoni tal-perit legali. It-tieni aggravju hu li l-ewwel Qorti sabet lill-appellant Frank Cachia responsabbli, meta dan ma kien imdaħħal f'xejn f'din il-biċċa xogħol f'ismu personali. It-tielet aggravju jikkonsisti fil-fatt li l-ewwel Qorti ma messhiex tikkundanna lill-appellanti solidalment biex jirrifondu lill-appellati xi flus maħruġa minnhom, ladarba l-flus intużaw mill-appellanti biex iħallsu l-fornituri u x-xogħlijiet li saru fil-post. Ir-raba' aggravju jirrigwarda s-sejbien tal-ħtija tal-appellanti għad-danni mġarrbin mill-atturi appellati, meta ma ntweriex x'kienet ir-rabta kawżali bejn l-imġiba tagħhom u n-nuqqas ta' ftuħ tal-'*bar – café*'. Il-

[5] § 2.1 f'paġ. 577 tal-proċess
[6] § 8.1 f'paġ. 599 tal-proċess

ħames aggravju, marbut ma' ta' qablu, hu li ladarba l-appellanti ma jistgħux jitqiesu responsabbli għad-danni mġarrba mill-appellati, lanqas ma jmisshom iħallsu xi danni likwidati, u dan billi x-xogħol li l-kumpannija appellanti tqabbdet tagħmel wettqitu u l-atturi appellati naqsu li jieħdu dawk il-miżuri meħtieġa biex inaqqsu l-ħsara mġarrba minnhom. Bis-sitt aggravju, l-appellanti jilmintaw fuq il-kundanna għall-ħlas tal-ispejjeż tal-kawża u l-ħlas tal-imgħaxijiet;

14. Il-Qorti sejra tgħaddi biex tqis l-aggravji wieħed wieħed;

15. Bl-**ewwel aggravju** tagħhom l-appellanti jgħidu li s-sentenza mogħtija mill-ewwel Qorti ma hijiex motivata u kulma għamlet l-ewwel Qorti kien li addottat l-verżjoni tal-perit legali maħtura minnha. L-appellanti jgħidu li, minħabba f'hekk, jonqos f'dik is-sentenza element ewlieni u fundamentali – dak tal-motivazzjoni xierqa li turi kif il-qorti waslet għall-konvinċiment tagħha – li jagħmilha ma tiswiex. Għalhekk, l-appellanti jitolbu li din il-Qorti tħassar is-sentenza appellata u terġa' tibgħat l-atti tal-kawża lura lill-ewwel Qorti biex timxi skond il-liġi;

16. L-atturi appellati jwieġbu għal dan l-aggravju[7] billi jgħidu li, mill-kliem tas-sentenza appellata nnifisha, jidher ċar li l-ewwel Qorti għarblet sewwa l-provi li tressqu quddiem il-perit legali mqabbad minnha, flimkien man-noti bis-sottomissjonijiet li tressqu mill-partijiet. Iżidu

[7] §§ 7 – 10 tar-Risposta tagħhom f'paġġ. 609 – 610 tal-proċess

jgħidu li fis-sentenza appellata[8] l-ewwel Qorti għamlet evalwazzjonijiet u apprezzament ta' provi u xhieda (saħansitra dik stess mogħtija mill-perit legali eskussa), li juru li dik il-Qorti ma qagħditx biss fuq ir-rapport tal-perit legali imma wkoll fuq atti oħrajn li jinsabu fil-kawża. Isostnu li dan huwa biżżejjed biex l-aggravju tal-appellanti ma jintlaqax;

17. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju jolqot b'mod radikali s-siwi tas-sentenza appellata u jekk kemm-il darba kellu jintlaqa' din il-Qorti trid tħassar l-istess sentenza. Mill-mod kif jinsab imfassal l-aggravju tal-appellanti joħroġ ċar li dawn jilmintaw min-nuqqas ta' motivazzjoni min-naħa tal-ewwel Qorti li qalet biss li kienet qiegħda taqbel mal-fehmiet tal-perit legali minnha maħtur u aċċettathom bħala l-fehmiet tagħha li wassluha biex ċaħdet l-eċċezzjonijiet kollha tal-intimati appellanti u laqgħet it-talbiet kollha tal-atturi appellati;

18. Il-liġi tagħmilha ċara li biex tista' tintlaqa' s-sejħa ta' nullità ta' sentenza jeħtieġ li min jallega dan juri li sentenza bħal dik kienet imsejsa fuq nuqqas ta' ġurisdizzjoni jew fuq in-nuqqas ta' ċitazzjoni, jew fuq l-illeġittimità tal-persuna jew li s-sentenza mogħtija mill-ewwel qorti tkun iddeċidiet fuq ħwejjeġ li ma ntalbux ('*extra petita*') jew dwar aktar minn dak li ntalab ('*ultra petita*') jew li tkun milquta minn kull difett ieħor li jippreġudika l-jedd ta' smigħ xieraq[9]. Minkejja dan, u b'ħarsien tal-prinċipju li safejn jista' jkun sentenza m'għandhiex titħassar b'mod

[8] §10 tas-sentenza
[9] Art. 790 tal-Kap 12

leġġer u b'ħeffa jekk kemm-il darba tista' tkun salvata[10], l-eċċezzjoni tan-nullità tas-sentenza ma tintlaqax jekk jintwera li ma tirriżultax xi waħda miċ-ċirkostanzi li ssemmew qabel u jekk is-sentenza tkun ġusta fis-sustanza tagħha;

19. Fost l-elementi li s-sentenzi għandu jkollhom għas-siwi tagħhom, il-liġi ssemmi li l-parti operattiva ta' sentenza għandha tinkludi t-talbiet jew l-eċċezzjonijiet li jkunu maqtugħa u kull dikjarazzjoni maħsuba biex tkun konklussiva jew li torbot[11]. Minbarra dan, il-liġi titlob ukoll li kull sentenza tagħti r-raġunijiet li fuqhom il-qorti tkun sejset id-deċiżjoni tagħha u ssemmi wkoll riferenza għall-proċedimenti, għat-talbiet attriċi u l-eċċezzjonijiet tal-konvenut[12];

20. Il-ħtieġa ta' motivazzjoni xierqa f'sentenza tqieset dejjem bħala element kostituttiv ewlieni biex jiddetermina s-siwi ta' sentenza jew provvediment, għaliex dan mhux biss isejjes il-parti dispożittiva tagħha, imma jfisser lill-partijiet kif u għaliex il-Qorti tkun waslet għal dik id-deċiżjoni. Dan l-element tal-motivazzjoni jew raġuni f'sentenza jassumi l-qawwa ta' prinċipju tal-ġustizzja naturali wkoll. Il-motivazzjoni f'sentenza ma titlobx li l-Qorti li tkun toqgħod issemmi b'reqqa kull sottomissjoni jew kull prova li tkun tressqet quddiemha, iżda jkun biżżejjed li r-raġunament magħmul minn dik il-Qorti jwassal biex jorbtu

[10] App. Ċiv. **7.10.1991** fil-kawża fl-ismijiet ***Mallia vs Manager Water Works Department*** (Kollez. Vol: **LXXV.ii.446**)
[11] Artt. 23 u 219 tal-Kap 12
[12] Art. 218 tal-Kap 12

ma' dak li jkun intalab u dak li jkun deċiż[13] u sakemm il-konklużjoni milħuqa mill-Qorti fis-sentenza tagħha ma jkunx kontradittorju mal-kunsiderazzjonijiet li tkun għamlet[14];

21. L-appellanti jressqu l-aggravju tagħhom għaliex jgħidu li l-ewwel Qorti qalet biss li kienet qiegħda tadotta l-fehmiet tal-perit legali minnha maħtura bla ma qalet għalfejn dehrilha li kienet qiegħda tagħmel hekk. F'każijiet bħal dawn, kien hemm drabi meta din il-Qorti qieset li ħaġa bħal din twassal għan-nuqqas ta' ħarsien ta' dak li jitlob l-artikolu 218 fuq imsemmi u tikkostitwixxi "affront għal kull sens ta' ġustizzja" u għaddiet biex tħassar is-sentenza[15]. Madankollu, jekk minn qari ta' sentenza jkun jidher li l-Qorti tkun għamlet stħarriġ tal-kwestjonijiet rilevanti, imqar jekk tkun straħet ħafna fuq dak li jressqu quddiemha l-perizji tal-esperti ġudizzjarji maħtura jew fuq il-kunsiderazzjonijet li tkun għamlet f'sentenza oħra f'xi kawża marbuta magħha bla ma żżid xejn aktar jew mill-anqas, dan ma jwassalx biex is-sentenza mogħtija tkun milquta min-nullità[16];

22. Illi fil-każ li din il-Qorti għandha quddiemha, ix-xhieda u l-provi dokumentali kollha tressqu quddiem il-perit legali li kienet ħatret l-ewwel Qorti u dan kollu jinsab fl-inkartament voluminuż li tressaq quddiemha u

[13] App. Inf. PS **12.1.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Charmaine Camilleri vs Eugenio Abdilla et***
[14] App. Inf. PS **28.4.2004** fil-kawża fl-ismijiet ***Agricultural Co-Operative Ltd. vs Peter Axisa***
[15] App. Ċiv. **18.5.1994** fil-kawża fl-ismijiet ***Abela et noe vs Cassar*** (Kollez. Vol: **LXXVIII.ii.151**)
[16] App. Ċiv. **18.7.2017** fil-kawża fl-ismijiet ***Romeo Żahra et vs John Żerafa et***

li fuqu hija għamlet ir-rapport tagħha[17]. Il-perizja ma kinitx waħda teknika, u r-rapport fih ġabra tax-xhieda mogħtija mix-xhud imressqa mill-partijiet u tal-partijiet infushom, u kif ukoll taqsima li tgħarbel ix-xhieda mressqa. Imbagħad hemm taqsima għall-kunsiderazzjoni tal-punti legali mqajma mill-partijiet rispettivi u l-fehmiet tal-perit legali dwar l-aspetti kuntrattwali tar-rapport bejn l-atturi appellati u l-intimati appellanti u r-riperkussjonijiet ġuridiċi li tnisslu. Dan kollu huwa sostnut b'ġabra ta' riferenzi dottrinali u ġurisprudenzjali li jsaħħu l-argumenti peritali. Ir-rapport jagħlaq b'konklużjoni dwar x'għandu jsir mit-talbiet attriċi;

23. Wara li tressaq ir-rapport tal-perit legali, l-intimati appellanti eskutewha u hija tat it-tweġibiet tagħha għall-mistoqsijiet magħmula. Dawn it-tweġibiet tressqu fis-sura ta' nota li tindirizza l-mistoqsijiet waħda waħda. L-ewwel Qorti espressament ħadet qies ta' din il-fażi tal-eskussjoni u semmietha fis-sentenza appellata u tenniet li dawk it-tweġibiet kienu jsaħħulha l-fehma tagħha li tilqa' l-konklużjonijiet peritali. Il-Qorti tqis li kemm ir-rapport tal-perit legali u kif ukoll xi mistoqsijiet li sarulha fl-eskussjoni kienu jindirizzaw kemm it-talbiet attriċi u kif ukoll xi eċċezzjonijiet tal-intimati, b'mod partikolari dik li biha l-intimat Cachia personalment jgħid li ma kien imdaħħal f'xejn f'din il-kwestjoni;

[17] Rapport Perit Legali f'paġġ. 515 sa 543 tal-proċess

24. Fid-dawl tal-kunsiderazzjonijiet li saru u taċ-ċirkostanzi partikolari ta' dan il-każ, din il-Qorti ma ssibx li s-sentenza appellata hija milquta min-nullità minħabba l-assenza ta' motivazzjoni u għalhekk ma ssibx li l-ewwel aggravju tal-appellanti huwa mistħoqq;

25. Fit-**tieni aggravju** l-appellant Frank Cachia jgħid li huwa ma kien indaħal xejn f'ismu personali fil-ħatra mogħtija mill-atturi appellati, imma sehmu kien biss bħala direttur tal-kumpannija appellanti A.G. Ventures Limited, li magħha biss kien sar il-ftehim. Huwa jgħid li l-provi dokumentali u x-xhieda mressqa saħansitra mill-atturi appellati nfushom juru li huma kienu rabtu lill-kumpannija appellanti A.G. Ventures Limited u li huwa personalment ma kien innegozja xejn mal-atturi jew man-neputi tagħhom Jason Coleiro. Iżid jgħid li l-perit legali ma fissritx għaliex dehrilha li kellha torbtu solidalment mal-kumpannija appellanti meta l-provi kienu juru l-kuntrarju u lanqas jifhem kif l-ewwel Qorti qabdet u qagħdet fuq dik il-fehma peritali meta l-atti tal-kawża juru mod ieħor;

26. Għal dan l-aggravju, l-appellati jwieġbu billi jgħidu li sa minn qabel ma tressaq ir-rapport peritali, huma kienu taw ir-raġunijiet tagħhom fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom[18] għaliex l-intimat appellant kellu jitqies responsabbli personalment flimkien mal-kumpannija appellanti. Dawk ir-raġunijiet kienu msejsa fuq il-provi mressqa miż-żewġ partijiet;

[18] Paġġ. 492 sa 501 tal-proċess

27. Il-Qorti fliet b'reqqa l-atti tal-kawża u tibda biex tgħid li l-ħatra li l-appellati taw ma kinitx redatta f'kitba, imma saret bil-fomm. Il-ħatra saret f'uffiċċju tan-negozju tal-intimat appellant u l-istess intimat kien involut f'dak li kien isir. Il-biċċa l-kbira mill-ordnijiet li ntwera li saru għall-armar tal-post kienu nħarġu fuq isem il-kumpannija intimata appellanti u mhux fuq isem l-intimat *proprio*, u dawk il-fatturi li tressqu maħruġa fuq isem l-istess intimat iqanqlu dubju serju dwar jekk kinux tabilħaqq marbuta mal-appalt mogħti mill-atturi appellati. L-appellant jisħaq li ma setax ikun li hu ma jinvolvix ruħu f'dak li kien għaddej għaliex hu kien l-uffiċjal ewlieni fil-kumpannija appellanti u ladarba l-kumpannija mhix persuna fiżika bilfors irid ikun hemm xiħadd li jidher għaliha u li jirrappreżentaha;

28. Hija regola ewlenija fid-dritt dwar l-effett tal-obbligazzjonijiet, li wieħed jitqies li wiegħed jew ftiehem għalih innifsu[19], sakemm il-kuntrarju ma jkunx stabbilit espressament mil-liġi, jew mill-partijiet infushom[20], jew jekk il-ftehim innifsu jkun jgħid mod ieħor[21]. Minbarra dan, fi ftehim magħmul minn persuna f'isimha, hija dik il-persuna li tintrabat jew tobbliga ruħha[22]. Fil-każ ta' kitba li tkun saret dwar il-bejgħ jew fornitura ta' xi servizz f'isem persuna partikolari, ma jistax jingħad li din kienet xi obbligazzjoni li tkun saret għall-benefiċċju ta' terza

[19] Art. 998 tal-Kap 16
[20] App. Inf. PS **31.10.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Charles Thorne et vs John Mallia Borġ et***
[21] App. Kumm. **4.5.1973** fil-kawża fl-ismijiet ***Philip Galea Souchet vs Michael Falla*** (mhix pubblikata)
[22] Art. 999(1) tal-Kap 16

persuna[23], u għalhekk jidher li japplika l-prinċipju li l-ftehim għandu effett bejn dawk li kkuntrattawh biss u ma jistax ikun ta' ġid jew ta' ħsara għal ħaddieħor[24]. Ingħad ukoll li l-piż tal-prova li min ikkuntratta jkun għamel hekk f'isem ħaddieħor jaqa' fuq min jagħmel allegazzjoni bħal din[25], u f'każ ta' dubju, il-mandat għandu jiġi eskluż u applikati l-prinċipji ewlenin fuq imsemmija, fosthom u mhux l-anqas dak li l-kuntratti għandhom jiġu segwiti bil-bona fidi[26]. Il-preżunzjoni maħluqa b'dan il-prinċipju hija waħda '*juris tantum*' u tista' titwaqqa' bi prova kuntrarja li trid tinġieb minn min jgħid li kien qiegħed jidher fuq negozju f'isem ħaddieħor[27];

29. Fid-dawl ta' dawn il-kunsiderazzjonijiet u minn dak li joħroġ mill-provi rilevanti li l-partijiet ma jmerux, din il-Qorti tqis li t-tieni aggravju huwa tajjeb u li l-intimat appellant *proprio* ma huwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi. Dan jingħad għaliex mill-imsemmija provi ma jistax ikun li l-atturi appellati ma kinux jafu li kienet il-kumpannija intimata appellanti li tqabbdet tagħmel dak li kien għad jonqos fil-post. F'waqt minnhom, l-attur appellat innifsu jistqarr li l-appalt tah lill-kumpannija appellanti[28]. Ir-raġuni li tat il-perit legali maħtura mill-ewwel Qorti meta ntalbet tgħid għaliex qieset lill-intimat personalment responsabbli, u l-kunsiderazzjonijiet li hija għamlet fir-rapport tagħha dwar dan, ma jikkonvinċux lil din il-Qorti li jirrappreżentaw apprezzament fattwali u

---

[23] Art 1000 tal-Kap 16
[24] Art 1001 tal-Kap 16
[25] Kumm. **27.4.1992** fil-kawża fl-ismijiet ***Ċilia noe vs Scicluna*** (Kollez. Vol: **LXXVI.iv.673**)
[26] Art. 993 tal-kap 16
[27] App. Inf. PS **19.10.2005** fil-kawża fl-ismijiet ***Borg Cold Stores (Import & Distribution) Ltd vs Mario Pickard et pro et noe***
[28] Ara x-xhieda tiegħu fil-kontro-eżami f'paġ. 220 tal-proċess

legali xieraq tal-qagħda li kienet teżisti bejn il-partijiet sakemm kien għadu għaddej ix-xogħol. Minħabba li, kif espressament qalet l-ewwel Qorti fis-sentenza appellata, hija għamlet tagħha l-fehmiet tal-perit ġudizzjarju maħtur minnha, isegwi li dawk il-kunsiderazzjonijiet ukoll kienu fil-moħħ tal-istess Qorti meta qatgħet dwar dan il-punt;

30. Hemm ukoll l-element tan-natura ċivili tal-ħatra magħmula konsistenti fl-appalt mogħti, minkejja li l-għan tal-appalt kien fl-aħħar mill-aħħar il-ftuħ ta' stabbiliment kummerċjali[29]. Fl-ebda waqt ma ntwera li saret xi rabta taċita, u wisq anqas espressa, li l-intimat appellant kien indaħal għal dik il-ħatra b'mod solidali mal-kumpannija intimata appellanti. F'każijiet bħal dawn, taħdem il-preżunzjoni tal-liġi li s-solidarjetà titqies biss jekk tkun toħroġ mil-liġi jew jekk tkun miftehma espressament[30]. Min-naħa l-oħra, l-appellati ma jiċħdux li kienu jafu bil-kumpannija intimata (kemm hu hekk dehrilhom li kellhom iħarrkuha wkoll) u din iċ-ċirkostanza tixhed li kienu jqisu li din kienet l-appaltatriċi mqabbda. F'dan il-qafas, ikollu jsegwi li jekk l-intimat innegozja mal-atturi biex iforni t-tagħmir u s-servizzi mitluba fil-post mertu tal-każ, dan kien qiegħed jagħmlu f'isem il-kumpannija intimata appellanti bi tħaddim tar-regola magħrufa bħala d-duttrina tal-"*ostensible authority*" li timplika

---

[29] App. Inf. PS **12.12.2008** fil-kawża fl-ismijiet ***Primrose Poultry Products Ltd vs Joseph Balzan et***

[30] Art. 1089 tal-Kap 16

r-rabta tagħha safejn ix-xogħol mogħti kien jaqa' fit-termini tal-klawsola tal-għanijiet ('*objects clause*') tagħha[31];

31. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti sejra tilqa' t-tieni aggravju tal-appellanti u dan ikollu l-effett li l-intimat appellant *proprio* jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju;

32. Bit-**tielet aggravju** tagħhom l-appellanti jgħidu li l-ewwel Qorti ma messhiex sabithom responsabbli li jroddu lura l-flus li tħallsu mill-atturi appellati ladarba kulma ntalab li jkun konsenjat kien, fil-fatt, konsenjat u ladarba x-xogħol appaltat twettaq kif mitlub. L-appellanti jsemmu ċirkostanzi ta' prova li joħorġu mill-atti tal-kawża biex isostnu dan l-aggravju;

33. L-atturi appellati jwarrbu b'qawwa dan l-aggravju u, min-naħa tagħhom, isemmu episodji oħrajn fejn mhux biss it-tagħmir appaltat ma ngħatax, imma fejn saħansitra xi parti minnu li kien tqiegħed fil-post, reġa' ttieħed lura u ħadd baqa' ma jaf x'sar minnu;

34. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju jinbena fuq kwestjoni ta' apprezzament ta' provi. Bla ma ttawwal wisq fuq dan, din il-Qorti tgħid li m'għandhiex tagħmel rivalutazzjoni tal-provi jew ta' min imissu jitwemmen. F'ċirkostanzi bħal dawn, sakemm l-eżerċizzju tal-

[31] Ara P.A. JZM **25.10.2010** fil-kawża fl-ismijiet ***AMC Marketing Ltd. vs BBQ Centre Ltd.*** (mhix appellata)

apprezzament tal-provi fattwali li jsir mill-ewwel Qorti ma jkunx fid-dieher wieħed irraġonevoli, din il-Qorti ma tindaħalx hi biex tgħid x'kienet taħseb hi jew jekk l-apprezzament magħmul mill-ewwel Qorti kinitx tagħmlu bħalha. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju tal-appellanti ma jidhirx mistħoqq u żgur mhux mistħoqq għar-raġuni mogħtija. Hemm bosta xhieda li jikkonfermaw li x-xogħlijiet ħadu t-tul biex tlestew jew baqgħu ma tlestewx. Hemm ukoll xhieda[32] li turi li saħansitra meta ttieħed xi tagħmir ordnat biex jitqiegħed fil-post, kellu jerġa' jittieħed lura għaliex il-post ma kienx għadu lest. Dawn l-eżempji huma biżżejjed għal din il-Qorti (flimkien ma' dawk rilevati kemm mill-atturi appellati fin-Nota ta' Sottomissjonijiet tagħhom u kif ukoll mill-perit legali fir-rapport tagħha) biex jikkonfermawlha li l-appellanti ma tistax tgħid li l-kawżali li fuqha l-atturi jitolbu r-rifużjoni mhijiex ippruvata fil-grad meħtieġ;

35. Għal dawn ir-raġunijiet, it-tielet aggravju tal-appellanti mhuwiex sejjer jintlaqa';

36. Ir-**raba' aggravju** tal-appellanti jirrigwarda s-sejbien tar-responsabbiltà tagħhom għad-danni mġarrba mill-appellati minħabba n-nuqqas ta' ftuħ tal-istabbiliment u t-tħaddim tiegħu għall-għan maħsub. F'dan l-aggravju, l-appellanti jisħqu fuq element kostituttiv tal-ħtija għad-danni, jiġifieri dak tal-kawżali jew ness bejn il-fatt u l-ħsara mġarrba. Huma jgħidu li n-nuqqas ta' ftuħ tal-ħanut min-naħa tal-atturi ma kellu

---
[32] Ara x-xhieda ta' Antoinette Doneo f'paġ. 364 tal-proċess

x'jaqsam xejn mal-mod kif twettaq l-appalt mogħti lill-appellanti. Hawnhekk, l-appellanti jerġgħu jsemmu li x-xogħol appaltat twettaq kollu u b'hekk, iqisu li jekk l-atturi ġarrbu xi danni, dawn għandhom kawża minn x'imkien ieħor;

37. L-atturi appellati jilqgħu għal dan l-aggravju bl-istess argumenti li ressqu dwar l-aggravju ta' qablu;

38. Il-Qorti tqis li dan l-aggravju wkoll mhux mistħoqq, għallanqas safejn jirrigwarda lill-kumpannija intimata appellanti. Kemm mit-tfassila tagħha u kif ukoll mit-talbiet magħmula, joħroġ ċar li l-azzjoni hija msejsa fuq l-inadempiment kuntrattwali u mhux fuq il-ħtija akwiljana. Il-fatt waħdu li appaltatur jonqos li jwettaq dak li l-appaltant ikun qabbdu jagħmel, inissel bil-liġi l-ħtija u r-rabta li jagħmel tajjeb għad-danni mġarrba minħabba n-nuqqas ta' twettiq jew għad-dewmien[33]. Ir-rabta għall-ħlas tad-danni titnissel bl-inadempiment innifsu u mhux għaliex (bħalma jiġri fil-każ tal-ħtija akwiljana) tirriżulta ħolqa li torbot l-għemil dannuż mal-ħsara mġarrba minħabba fih. Ladarba din il-Qorti diġà waslet għall-fehma li l-kumpannija intimata appellanti ma wettqitx dak kollu li tqabbdet tagħmel, l-effetti ta' dak in-nuqqas jiġbru fuqhom il-ħtieġa li hija tagħmel tajjeb għat-telf li jseħħ minħabba f'dak in-nuqqas;

[33] Artt. 1125 u 1135 tal-Kap 16

39. Wieħed jista' forsi jargumenta li l-atturi kienu għoddhom qatgħu qalbhom mill-proġett tagħhom sa minn ftit taż-żmien wara li ħolmu bih u għalhekk ma jistgħux jilmentaw li ma seħħilhomx jiftħu l-istabbiliment minħabba n-nuqqas ta' l-appellanti. Huwa minnu li jirriżulta li, għall-ħabta ta' Mejju tal-2005, l-atturi kienu bdew ifittxu biex iwellu l-post lil terzi u saħansitra ħadu fuq il-post lil min kien imħajjar. Madankollu, din iċ-ċirkostanza ma tibdilx l-effetti legali tan-nuqqas ta' twettiq min-naħa tal-kumpannija intimata appellanti. Kemm hu hekk, meta l-atturi ħadu lill-imsemmija terza persuna fuq il-post, ħadu qatgħa x'ħin sabu li l-post kien għadu lanqas tlesta, minkejja l-wegħdiet li saru mill-appellanti u minkejja l-ħruġ ta' flejjes u nefqiet li saru. It-terza persuna, meta rat f'liema qagħda kien il-post, tnaffret u niżżlet l-offerta tagħha sostanzjalment b'mod li n-negozju sfratta. Fi ftit xhur, aktar ma gerbeb iż-żmien u l-biċċa twalet, l-atturi appellati ma kellhomx għażla oħra ħlief li jroddu ċ-ċwievet tal-post lura u tilfu kollox u waqqfu l-ispejjeż u t-telf li kulma jmur kien tiela' ma' kull jum li jgħaddi;

40. F'din il-qagħda l-Qorti tara li joħorġu żewġ elementi: l-effetti tal-ħsara li ġab miegħu n-nuqqas ta' adempiment min-naħa tal-appellanti, u l-fatt li minħabba dak l-effett l-atturi appellati tilfu l-qaleb u l-ġbejna. Minħabba f'hekk, dan l-aggravju tal-appellanti ma jistħoqqlux jintlaqa' lanqas;

41. L-appellanti jorbtu l-**ħames aggravju tagħhom** mal-aggravju ta' qablu u l-appellati jwarrbuh għall-istess raġuni;

42. Il-Qorti tqis li f'dan l-aggravju l-appellanti jgħidu li, minbarra li ħadd minnhom ma kien jaħti għad-danni mġarrba mill-atturi appellati, l-ammont li l-ewwel Qorti illikwidat ma kienx raġonevoli u bih hija tat lill-atturi appellati aktar minn kemm kien meħtieġ biex isseħħ l-intergrazzjoni sħiħa tad-dannu mġarrab. Din il-parti tal-aggravju tinbena fuq l-argument li l-appellati ma kinux jieħdu ħsieb x'kien għaddej u lanqas biss kien jinteressahom li jżommu f'idejhom ċavetta tal-post;

43. Il-Qorti tgħid minnufih li l-proċess tal-likwidazzjoni tad-danni mwettaq mill-ewwel Qorti (u l-perit legali maħtura minnha) għall-finijiet tal-ħames talba attriċi huwa wkoll kwestjoni ta' apprezzament ta' provi fattwali. Għalhekk, jgħodd l-istess prinċipju li ssemma qabel taħt it-tielet aggravju. Minn eżami tal-mod kif waslet għal-likwidazzjoni ta' dawk id-danni, jidher li l-ewwel Qorti qagħdet fuq provi dokumentali li l-appellanti ma merewx. Min-naħa tal-istess appellanti, mbagħad, fl-ebda parti mill-appell tagħhom ma jgħidux liema kienu dawk il-partiti ta' likwidazzjoni li l-ewwel Qorti laqgħet u li ma messhiex laqgħethom: jillimitaw it-trattazzjoni ta' dan l-aggravju biss għal sottomissjoni li l-likwidazzjoni kellha tkun f'ammont "raġonevoli". Ir-raġonevolezza tal-ammonti ta' danni likwidati hija l-prova li dawn iġġarrbu minn min kien qiegħed jitlobhom. Huma wkoll, kif ingħad, il-konsegwenza tan-nuqqas ta'

twettiq tal-appalt mogħti, u l-fatt li ġġarrbu ma jfissirx li l-atturi appellati ser jistgħanew indebitament. Jekk xejn, dawk id-danni se' jtaffu t-telf imġarrab minħabba li l-proġett kummerċjali tagħhom spiċċa fix-xejn;

44. Għalhekk, safejn dan l-aggravju tressaq mill-kumpannija intimata appellanti, l-aggravju mhux sejjer jintlaqa' lanqas;

45. Jifdal li l-Qorti tqis is-**sitt aggravju** li jinqasam kemm fuq il-kap tal-ispejjeż u kif ukoll dwar l-imgħax fuq is-somom likwidati;

46. Biċċa l-kbira mis-sottomissjonijiet imressqa mill-appellanti f'dak li jirrigwarda l-kap tal-ispejjeż terġa' tiftaħ l-argument tat-twettiq tal-appalt li jifforma l-mertu tat-tielet u r-raba' aggravji. Il-Qorti ma għandhiex għalfejn ittenni dak li qalet qabel f'dan ir-rigward. Ladarba l-kumpannija intimata appellanti nstab li kienet taħti għan-nuqqas ta' twettiq tal-appalt mogħti, u ladarba t-talbiet attriċi fil-konfront tagħha jirriżultaw mistħoqqa, ma jifdal l-ebda kwestjoni dwar l-ispejjeż tal-kawża f'dan ir-rigward[34]. Għalhekk, il-Qorti ma tara li hemm lok għall-ebda temperament fil-kap tal-ispejjeż safejn jirrigwarda lill-kumpannija intimata appellanti, u l-aggravju tagħha f'dan ir-rigward ma huwiex mistħoqq;

47. Illi, naturalment, dan ma jgħoddx għall-intimat appellant *proprio*. Ladarba l-Qorti sabet li ma kienx il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni

[34] Art. 223(1) tal-Kap 12

attriċi, u ladarba sejjer jinħeles mill-ħarsien tal-ġudizzju, ma hemmx dubju li l-ispejjeż tiegħu jridu jħallsuhom l-appellati. Għalhekk, l-aggravju tiegħu f'dan ir-rigward sejjer jintlaqa';

48. Illi l-Qorti qiegħda tqis ukoll mistħoqq l-aggravju tal-appellanti minħabba l-impożizzjoni tal-imgħax fuq l-ammonti likwidati. Is-sentenza appellata ordnat il-ħlas ta' "mgħaxijiet skond il-liġi mis-26 ta' Mejju, 2006, sad-data tal-effettiv pagament". Dik id-data tissemma fir-rikors promotur bħala d-data ta' ittra uffiċjali li l-atturi appellati jgħidu li bagħtu lill-intimati;

49. Il-Qorti jidhrilha li hemm aktar minn raġuni waħda għaliex dan l-aggravju jistħoqqlu jintlaqa'. Fl-ewwel lok, fl-ebda parti tar-rikors promotur ta' din il-kawża ma tidher li hemm xi talba għall-ħlas ta' mgħaxijiet. Ma jidhirx li l-kliem tal-artikolu 177 tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta jiġbor fih b'implikazzjoni talba għall-ħlas ta' mgħaxijiet ukoll. Fit-tieni lok, din il-Qorti u l-ewwel Qorti qabilha, kienet sabet li l-inadempiment min-naħa tal-appellanti kien seħħ fil-qafas ta' kuntratt ta' appalt privat u mhux minn impriża kummerċjali, u għalhekk l-imgħaxijiet ma jimxux qabel ma jseħħu ċerti proċeduri. Fit-tielet lok, imkien mill-atti tal-kawża ma joħroġ x'kienet titlob tassew l-ittra uffiċjali li l-appellati jgħidu li bagħtu lill-appellanti qabel fetħu l-kawża. Kien jaqa' fuq l-appellati li jressqu kopja awtentikata ta' dak l-att ġudizzjarju biex minnu wieħed seta' jara jekk saritx talba ġenerika biex wieħed jersaq għal-

likwidazzjoni tad-danni jew jekk saritx talba għall-ħlas ta' somma speċifikata, jew jekk imqar saritx in-notifika ta' dak l-att lil min kienet indirizzata. L-ewwel Qorti għalhekk ma kellha l-ebda prova fuqiex timxi biex għażlet li tordna l-imgħaxijiet mid-data ta' dak l-att ġudizzjarju. Fir-raba' lok, iż-żewġ talbiet li kienu jitolbu kundanna għal ħlas (it-tieni u l-ħames talbiet attriċi) kienu talbiet għal-likwidazzjoni tal-ammont u mhux talbiet għal somma speċifika jew determinabbli dak il-ħin. Il-likwidazzjoni saret bis-saħħa tas-sentenza appellata u jekk hemm ċirkostanza fejn tgħodd ir-regola "*in illiquidis non fit mora*" din żgur hija waħda minnhom;

***Decide:***

50. Għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-appell billi:

Filwaqt illi **tiċħad l-ewwel, it-tielet, ir-raba' u l-ħames aggravji, tilqa'** f'parti minnu **t-tieni aggravju** safejn dan jirrigwarda lill-intimat appellant personalment imma **tiċħad it-tieni aggravju** safejn jolqot lill-kumpannija intimata appellanti, u **tilqa'** f'parti minnu **s-sitt aggravju** safejn jirrigwarda l-kundanna għall-ħlas ta' mgħaxijiet u safejn jirrigwarda l-ispejjeż marbuta mal-intimat appellant personalment imma **tiċħad is-sitt aggravju** għall-bqija u għalhekk;

**Tirriforma** s-sentenza appellata billi **tilqa' t-tieni eċċezzjoni** u ssib li l-intimat Frank Cachia f'ismu personali mhuwiex il-kontradittur leġittimu tal-azzjoni attriċi u għalhekk teħilsu mill-ħarsien tal-ġudizzju, bi spejjeż għall-atturi appellati; billi **tħassarha** safejn ordnat li jimxu l-imgħaxijiet fuq l-ammonti likwidati bħala rifużjoni u bħala danni; u **tikkonfermaha** mill-bqija; u

**Tordna** li l-**ispejjeż ta' dan l-appell** jitħallsu bin-nofs bejn il-partijiet, filwaqt li **dawk tal-ewwel istanza** jitħallsu mill-kumpannija intimata.

| | | |
|---|---|---|
| Joseph Azzopardi<br>Prim Imhallef | Joseph R. Micallef<br>Imhallef | Tonio Mallia<br>Imhallef |

Deputat Registratur
gr